**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 275/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 41.**

**Jesmond Friggieri K.I. 8370M**

**28, Flat 4,**

**St Joseph Street,**

**Mosta**

**vs**

**Ian Fitzpatrick**

**Dalina,**

**Ghabex Street,**

**Swatar BKR4182**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-attur fil-21 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu talab minghand il-konvenut is-somma ta' erbat elef disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€4,925.45c).

Jigi rilevat minn dan it-Tribunal li l-bazi ta' din it-talba ma saritx mill-attur fl-Avviz tat-Talba.

Fir-risposta tieghu l-konvenut a fol 11 eccepixxa li fl-ewwel lok u in linea preliminari t-talba tal-attur hija preskritta ai termini tal-Artikoli 2149(c) stante li s-servizzi allegatament rezi twettqu sal-ahhar ta' Lulju, 2013; li minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma jistax jifhem il-bazi tal-kawza odjerna fuq l-ammont ta' erbat elef disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€4,925.45c) meta l-kuntratt originali bejn il-partijiet sar fl-2012 kien ikkalkulat fuq ghaxar ewro (€10.00) is-siegha ghal supervizjoni u hmistax-il ewro (€15.00) is-siegha ghat-taghlim li kellu jsir; li l-konvenut jikkontendi li dan kien kors marbut maz-zmien stipulat mill-ETC peress li kien imhallas minn fondi Ewropej liema fondi ilhom zmien li nghalqu u liema zmien ghalaq fit-30 ta' Settembru, 2013.

Fix-xhieda tieghu l-attur Jesmond Friggieri a fol 16 et xehed li bejn Gunju, 2012 u Lulju, 2013 huwa ghamel xi xoghol lil konvenut li ma hallsux tal-ahhar zewg invoices. Barra minn hekk parti mill-ftehim kien li huwa wara li jlesti l-kuntratt jipprovdi l-konvenut biex l-attur jiehu kwalifika li x-xoghol taghha kollu ghamilha mis-City And Guilds bhala internal quality verifier fuq kwalifikazzjonijiet u prattikament din il-weghda ma nzammitx. Kien ghalhekk li huwa tah rata vantaggjuza ghax kien ser jinghatalu l-kwalifika li setghet gabet xoghol aktar wara li ntemm il-kuntratt. Huwa f'din il-kawza qed jitolbu d-differenza tar-rata li kien tah ta' ghaxar ewro (€10) is-siegha. Huwa spjega li ghamillu xoghol ta' mitejn u disgha sieghat (209) bir-rata vantaggjuza ta' ghaxar ewro (€10) meta r-rata normali tieghu hija ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) is-siegha li qed jitlob id-differenza fir-rata stante li l-konvenut baqa' ma gablux ic-certifikat miftiehem u li a fol 19 huwa spjega li l-assignment kien prezentat ghal kwalifika lil Clive Mitchell r-rapprezentant tas-City and Guilds u din l-kwalifika qatt ma waslu ghax kellu problema mas-City and Guilds.

Huwa spjega li ma thallasx ghax-xoghol ta' April u Mejju, 2013 kif juri l-invoices li pprezenta u li jinsabu a fol 32 et. L-attur spjega li l-konvenut kien jghidlu kemm-il darba li qed jistenna l-flus ghal sentejn shah mill-ETC illum Jobsplus ghax kien kuntratt EU funded. Huwa stenna ghax kien jaf li l-flus dovuti fis-sena 2013 kienu jibqghu johorgu

sas-sena 2015 izda meta ra li xorta baqa' ma thallasx fis-sena 2016 ghamel din l-kawza u dan minkejja li x-xoghol li kien inkarigat jaghmel ghamlu u ghamlu sew.

Ra d-dokumenti kollha prezentati mill-attur.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu a fol 73 xehed li huwa dahal fi ftehim ma' numru ta' lukandi gewwa Malta bil-ghan li jsir kors ghall-impjegati taghhom u jigu ccertifikati li kkwalifikaw minn dan l-kors li sar taht is-supervizjoni ta' City & Guilds u gie certifikat mill-istess istitut akkademiku. Il-kors beda fis-sena 2012 u spicca fis-sena 2013. Huwa jikkonferma li l-attur kien wiehed minn dawn l-ghalliema. Ir-rata miftehma mal-attur kienet ta' ghaxar ewro (€10) is-siegha ghas-supervizjoni u hmistax-il ewro (€15) ghal lezzjonijiet. Huwa jichad li r-rata hija ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) kif qed jikkontendi l-attur u li sa fejn jaf l-*invoices* mahrugin f'Novembru, 2013 kienu thallsu.

In kontro-ezami fol 78 l-konvenut kkonferma li l-attur kellu jiehu kwalifika izda jichad li dan kellu x'jaqsam mar-rata li thallas l-attur.

Ra l-verbal a fol 77 li permezz tieghu l-partijiet ddikjaraw li ghalqu l-prova.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra ulterjorment

**It-tieni eccezzjoni tal-konvenut**

Illi dan it-Tribunal f'din l-kawza jqis li jkun utli li tigi trattata t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qabel dik tal-preskrizzjoni stante li hija eccezzjoni ta' natura procedurali li l-ezitu taghha tista timpingi fuq l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-istess konvenut.

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jeccepixxi hekk: li minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma jistax jifhem il-bazi tal-kawza odjerna fuq l-ammont ta' erbat elef disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€4,925.45c) meta l-kuntratt originali bejn il-partijiet sar fl-2012 kien ikkalkulat fuq ghaxar ewro (€10.00) is-siegha ghal supervizjoni u hmistax-il ewro (€15.00) is-siegha ghat-taghlim li kellu jsir; li l-konvenut jikkontendi li dan kien kors marbut maz-zmien stipulat mill-ETC peress li kien imhallas minn fondi Ewropej liema fondi ilhom zmien li nghalqu u liema zmien ghalaq fit-30 ta' Settembru, 2013.

Fl-Avviz tat-Talba l-attur isemmi l-ammont dovut fl-ewwel faccata tal-istess avviz izda ma jsemmi xejn x'qed jitlob f'din l-kawza. Li ghalhekk dan it-Tribunal ma kienx f'pozizzjoni jiddeduci huwa r-raguni ghat-talba tal-attur hlief fl-istadju ta' meta instemghu l-provi.

Dan it-Tribunal ghalhekk sejjer jikkunsidra jilqax it-talba, jekk din tabilhaqq tirrizulta, kollha jew in parti, a bazi tal-ekwipollenza. Ghax kif qalet tajjeb f'sentenza ricenti l-Onorabbli Qorti tal-Appell (per Onor Imhallef P Sciberras **In Re Design Elements Limited vs Michael P. Camilleri pro et noe – 20-10-2004):**

*Ikun forsi opportun jekk ghal darba ohra, kif gja kellha okkazjoni taghmel f'decizjonijiet ohra, din il-Qorti tirribadixxi certi principji generali li jghoddu qabel ma tinoltra ruhha fl-ezami tal-aggravji u tar-risposta ghalihom.*

*1. Hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili illi l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni ghandhom ikunu mfissra car u sewwa u in linea ta' principju dawn ma jistghux jigu mibdula jew aggunti. Tant li jinsab enuncjat f'bosta sentenzi illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni (**Kollez Vol XXXIX pI p243**). Fi kliem iehor il-kawzali tad-domanda hija dik espressa fic-citazzjoni u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni (**Kollez Vol. XXXIV pI p108**).*

*2. Gie pero` enuncjat ukoll illi f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni il-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-meritu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullita` (**Kollez Vol XXIX pII p698**; **Vol XLVIII pII p777**). Dan in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-kopja moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoragixxi l-formalizmu rigidu li "si attaccava con troppa severita` e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'ammistrazione della giustizia in generale" (**Kollez Vol XXVI pI p424**). U allura kien sostnut, "nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti*

*guridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perche restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia" (**Kollez Vol X pagna 1**).*

*3. Aktar fundamentali minn hekk hu l-fatt illi l-Qorti ta' Gurisdizzjoni Civili ta' Sede Inferjuri mhix marbuta bil-kawzali ta' l-avviz. Dan hu dezunt bl-aktar mod car mit-test tal-ligi procedurali kif espress fl-Artikolu 213 tal- Kap 12 abbinat ukoll mal-Artikolu 171 (1) tal-istess Kap. "Trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge e` meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore" (**Kollez Vol XXIV pI p615**). Ifisser ghalhekk li l-pretensjoni tista' tkun artikolata bi kwalunkwe forma intelligibbli, "e su tale domanda la Corte proceda "sola facti vertate inspecta", applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore" (**Kollez Vol XII pagna 316**).*

Ghalkemm ir-regoli tal-Kap 12 ma japplikawx ghal dan it-Tribunal ghajr fejn espressament specifikat, huwa intuwittiv li l-procedura quddiemu m'ghandha qatt tkun sahansitra iktar formali minn dik veljanti quddiem il-Qrati Inferjuri, u ghalhekk it-taghlim tal-Qorti tal-Appell fuq ikkwotat ghandu japplika wkoll ghal dan it-Tribunal, li ghandu jzomm il-proceduri quddiemu sommarji u informali kemm jista' jkun. Anzi, apparti l-ekwipollenza, hemm kunsiderazzjoni ohra: dik li t-Tribunal ghandu jaqta' l-kawzi quddiemu a bazi tal-ekwita', sia pure ekwita' skont il-ligi.

Li mill-atti l-partijiet kollha inkluz dan it-Tribunal fehmu t-talba tal-attur li hija ghal hlas skont rata aktar gholja stante li l-ftehim li kien jorbot lil partijiet ma giex affetwat mill-attur u ghalhekk skont il-konvenut huwa ghandu dritt jitlob r-rata normali tieghu li hija oghla minn dak miftiehem.

Li ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni**

Il-konvenut qed jiccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn a bazi tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili li jghid hekk:

"L-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu". Ta' min jissenjala illi l-kliem generici fl-ahhar parti tad-disposizzjonijiet gew imwessgha biex jinkludu kategoriji ohra ta' professjonijiet u ta' persuni li ghandhom vokazzjonijiet partikolari. Ad ezempju, l-awdituri, kif attestat fis-sentenza fl-ismijiet "**Stuart G. Craig *et nomine* -vs- George Mifsud *nomine***", Appell, 27 ta' Marzu, 1998, u, fejn, incidentalment ukoll, giet minn dik il-Qorti akkolta l-preskrizzjoni opposta a tenur ta' l-Artikolu 2149 (c).

Jinghad pero' li a bazi tal-iskorta tas-sentenza "**John R. Portelli *nomine* -vs- Wallace Fino *et nomine***", Appell, 07 ta' Ottubru, 1997, ma tistax tezercita *per se* arti liberali.

Tinsorgi ghalhekk id-domanda jekk f'dan il-kaz partikolari x-xorta ta' servizz ipprestat kienx tali li jattira lejh il-karattru dispositiv tal-preskrizzjoni in kwantu ghat-tipicita' tieghu skont it-termini ta' l-Artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili;

Issa minn ezami interpretattiv tal-predett provvediment tal-ligi hi l-fehma tal-Qorti illi, meta l-ligi tirreferi ghall-"persuni ohra li jezercitaw professjoni jew arti liberali ohra", din l-espressjoni tikkomprendi dawk il-professjonijiet liberi li fl-attivita' taghhom jipprestaw opra intellettwali jew krejattiva, ossija l-impjieg ta' intelligenza jew ta' kultura specifika fil- kamp partikolari, bi prevalenza fuq l-uzu eventwali ta' xi xoghol manwali. Kontrattazzjoni ta' din l-ispeci certament tinvolvi obbligazzjoni mill-prestatur li jaghti rizultat bil- konsenja ta' l-*opus*. Ta' din ix-xehta huma l-ipotesijiet kollha kkontemplati fl-Artikolu 2149 fejn ghandek il-prevalenza tal-*locatio d'operis* kif definiti fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hekk b'illustrazzjoni jinsab ritenut illi d-disposizzjoni relattiva (Artikolu 2149) tirreferixxi ghall-kreditiri ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulatur u li aktar minn opra jipprestaw *opus.* Ara in referenza ghall-ipotesi taht l-inciz (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-04 ta' Marzu, 1958 fl-ismijiet "**Domenico Bezzina *proprio et nomine* -vs- John Said**". Inghad fiha illi l-attur kien jezercita impriza ta' ingenerija u jispekula fuq l-opra ta' l-impjegati tieghu, u ma pprestax biss l-opra tieghu ghall-konvenut, imma ghamel xoghol ("*opus*") konsistenti fit-twaqqif ta' "*Merry-go-Round*";

Fil-kaz taht skrutinju l-attur ippresta servizzi ta' ghalliem u l-ghalliem huwa kunsidrat bhala professjonist, l-Artikolu 2149(c) japplika ghal professjoni li ghandu l-attur ukoll.

Illi ghalhekk it-tieni punt li jrid jigi deciz huwa dwar id-difiza tal-attur kontra l-preskrizzjoni eccepita billi jsostni li f'kull kaz il-preskrizzjoni lanqas tista' tigi akkolta in kwantu din hi nkompatibbli mal-email li baghtlu l-konvenut li fihom talbu zmien biex ihallas. Huwa jirreferi ghal diversi e-mails li nbaghatu mill-konvenut fosthom dik a fol 63 li hija email datata 14 ta' Lulju, 2018 kien infurmah biex jiehu ftit aktar pacenzja sabiex il-materja tigi rizolta u jsir il-hlas stante li kellu problemi kemm mas-City & Guilds kif ukoll mal-ETC, u li ghalhekk skont hu, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta.

F'dan ir-rigward it-Tribunal jiccita f'dan ir-rigward id-decizjonijiet a **Vol XXVI pI p441**, **Vol XXXII pI p639**, u dik l-ohra fl-ismijiet "**Anthony Guillaumier – vs - Joseph Cassar Aveta noe**", Appell, 09 ta' Dicembru, 1998. Ma' dawn jistghu jizdiedu d-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Attard Gialanze – vs - Emmanuel Rizzo et**", Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar, 1998 u dik fl-ismijiet "**Victor Calleja noe – vs - Nazzareno Vassallo et noe**", Appell, 05 ta' Ottubru, 1998 li fihom jaghtu ragun lill-attur.

Issa l-kors beda fis-sena 2012 u spicca fis-sena 2013 u l-ewwel invoice mibghuta mill-attur hija datata 02 ta' Lulju, 2013 (fol 24), it-tieni wahda fit-18 ta' Mejju, 2013 u t-tielet wahda fit-22 ta' Mejju, 2014. F'din l-ahhar invoice a fol 22 hemm imnizzel li x-xoghol sar l-ahhar f'Lulju, 2013. Jigifieri li minn Lulju, 2013 bdiet tirrikorri l-preskrizzjoni ta' sentejn.

Mill-emails esebiti mill-atturi jirrizulta li r-reminders bdew jintbaghtu mit-13 ta' Settembru, 2014 (fol 60) u kien fit-13 ta' Settembru, 2014 li l-attur iddecieda li l-ftehim li kellhom l-partijiet spicca stante li l-konvenut ma zammx kelmtu u ddecieda huwa li jibda japplika l-oghla rata. L-email ohra esebiti a fol 62 ma jidhirx li l-konvenut ikkontesta l-ammont anzi dejjem informa lill-attur biex jiehu ftit pacenzja ghal hlas.

Li ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma li galadarba l-konvenut accetta li ghandu jhallas kif jirrizulta minn diversi e-mails esebiti mill-attur u mhux kontestati mill-konvenut, l-attur ghandu ragun meta jghid li din l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

**L-ammont dovut**

Dwar l-ammont dovut pero' dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-attur meta minn rajh biddel ir-rati tas-sieghat tax-xoghol tieghu meta ma pproduca ebda ftehim bejn il-partijiet li juri li setgha jaghmel dan kemm-il darba c-certifikat imwieghed ma jasalx.

Li ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-attur meta jghid li galadarba l-konvenut ma onorax il-ftehim huwa ser jitlob rata oghla. Minn fol 22 jirrizulta li huwa thallas bir-rata ta' ghaxar ewro (€10) is-siegha ghal mitejn u disgha (209) siegha, ghal tmintax punt hames (18.5) sieghat izda jirrizulta li ma thallas xejn ghal sitt (6) sieghat. Li ghalhekk dan it-Tribunal jista jordna li l-konvenut ihallas lill-attur biss sittin ewro (€60) plus VAT ghal dawn is-sieghat li huwa qatt ma thallas taghhom.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' sittin ewro (€60) oltre l-VAT bl-imghaxijiet legali jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**